MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 534/1992/1

**Helen mart George Arrigo minnhu legalment separata u b'digriet tal-14 ta' Dicembru 1993 "illum Helene Micallef".**

**vs.**

**George Arrigo.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Mejju 1992 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi, il-kontendenti huma legalment separati bid-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla kif jidher mill-anness kuntratt tal-14 ta' Novembru 1991 pubblikat minn Nutar Dottor Pierre Falzon;

Illi skond il-klawsola (4) tal-istess kuntratt il-kontendenti llikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejnithom;

Illi, x'uhud mill-oggetti appartenenti lill-kontendenti baqaw indivizi u x'uhud ohra li gew divizi nzammu mill-konvenut u ma gewx konsenjati lill-istanti kif kien obbligat li jaghmel u kif jirrizulta ahjar fit-trattazjonit tal-kawza;

Illi, l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna d-divizjoni tal-oggetti li baqaw in komun bejn il-kontendenti billi l-istess jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet u lil kull wiehed mill-kontendenti tigi assenjata l-porzjoni hekk diviza;

2. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja dawk l-oggetti li gew assenjati lilha bi ftehim u li huma ta' proprieta' tal-istess attrici u li huwa qieghed jirrifjuta li jikkonsenjalha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni datat 14 ta' Novembru 1991 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon a fol. 5 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut George Arrigo datata 13 ta' Lulju 1992 a fol. 12 tal-process, fejn ecepixxa bir-rispett:-

1. Illi, ma hemm xejn xi jigi diviz mill-oggetti parafernali tal-kontendenti billi huwa kien halla s-sehem tal-oggetti fid-dar konjugali meta huwa halla l-istess u ghar-rigward ta' oggetti fil-paragrafu erba' (4) dawn gew ritornati wkoll.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 12.

Rat in-nota tal-konvenut George Arrigo datata 12 ta' Ottubru 1992, li permezz taghha pprezentata l-affidavit tieghu fejn sostna li dwar it-tieni parti tar-raba' paragrafu l-oggetti kollha parafernali gew ritornati lill-attrici f'dati qabel illum.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem il-Qorti diversament presjeduta datat 16 ta' Ottubru 1992, fejn il-Qorti ordnat lill-attrici biex tipprezenta affidavit dwar il-fatti tal-kaz u anke' fid-dawl tal-affidavit prezentat mill-konvenut a fol. 14 tal-process.

Rat in-nota ta' Helen Arrigo datata 22 ta' Ottubru 1992 a fol. 16, li permezz taghha rriservat id-dritt li taghmel il-kontro-ezami ghall-affidavit ta' George Arrigo ipprezentat fit-12 ta' Ottubru 1992.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru 1992.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Jannar 1993, fejn Dr. S. Meilak ghall-attrici talab aktar zmien biex jipprezenta l-affidavit imsemmi fil-verbal precedenti.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 1993, fejn Dr. S. Meilak ghall-attrici nforma lil Qorti li kien ghandu kif ircieva d-dettalji dwar id-dokumenti msemmija fl-ahhar verbal u talab differiment ghall-istess skop.

Rat in-nota ta' Helen Arrigo datata 24 ta' Marzu 1993 a fol. 20 tal-process, li premezz taghha prezentat l-affidavit taghha.

Rat il-verbal tas-seduta datat 26 ta' Marzu 1993 fejn Dr. S. Meilak ghall-attrici nforma lil Qorti li kien ipprezenta affidavit tal-attrici li pero' kien ghadu ma giex notifikat lill-kontro-parti u rriserva d-dritt tal-kontro-ezami. Gie nnominat Dr. Mark Chetcuti bhala Perit Legali.

Rat il-verbal tas-seduta datat 1 ta’ Gunju 1993, fejn Dr. Ethelbert Fenech Adami ghall-konvenut ta’ ruhu b’notifikat bl-affidavit tal-attrici li jinsab a fol. 21 tal-process. Dr. Fenech Adami rriserva d-dritt tal-kontro-ezami.

Rat in-nomina ta’ Dr. Mark Chetcuti bhala perit legali datata 26 ta’ Marzu 1993.

Rat in-nota ta’ George Arrigo li permezz taghha esibixxa kopja tac-certifikat taz-zwieg tal-24 ta’ Lulju 1993 (Dok. “GG”).

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Ottubru 1993, fejn Dr. Mark Chetcuti nforma lil Qorti li hemm seduta ffissata ghad-19 ta’ Ottubru 1993.

Rat il-verbal datat 14 ta’ Dicembru 1993 id-difensuri tal-partijiet qablu li fl-okkju tal-kawza wara l-kliem “Helen Arrigo” jizdiedu l-kliem “illum Helene Micallef”. Il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Frar 1994, fejn Dr. Mark Chetcuti nforma lil Qorti li kienu nzammu diversi seduti u li l-attrici kienet waslet biex taghlaq il-provi taghha.

Rat in-nota tal-attrici datata 8 ta’ Frar 1994, a fol. 35 tal-process li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha datat wkoll 8 ta’ Frar 1994.

Rat in-nota tal-konvenut datata 14 ta’ Frar 1994 a fol. 44 tal-process, li permezz taghha jirriserva d-dritt li jaghmel kontr-ezami ghall-affidavit tal-attrici prezentat fit-8 ta’ Frar 1994.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ April 1994, fejn il-Qorti giet infurmata li fis-seduta li jmiss l-attrici ser taghlaq il-provi taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Mejju 1994 fejn il-Qorti giet infurmata li l-attrici ghalqet il-provi.

Rat in-nota tal-konvenut datata 24 ta’ Gunju 1994 a fol. 53, li permezz taghha pprezenta affidavit tieghu tal-istess data, in risposta ghall-affidavit prezentat mill-attrici.

Rat in-nota tal-konvenut datata 24 ta’ Gunju 1994 a fol. 68, li permezz taghha pprezenta kopja ta’ zewg sentenzi.

Rat in-nota tal-konvenut datata 24 ta’ Gunju 1994 a fol.82.

Rat in-nota tal-konvenut datata 24 ta’ Gunju 1994 a fol. 84, li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta’ Anton Farrugia u ta’ Tony Bezzina.

Rat in-nota tal-attrici datata 4 ta’ Lulju 1994 a fol. 88, li permezz taghha rriservat id-dritt ghall-kontro-ezami ghall-affidavits ta’ Anton Farrugia u ta’ Tony Bezzina.

Rat in-nota tal-attrici datata 4 ta’ Lulju 1994 a fol. 88, li permezz taghha rriservat id-dritt ghall-kontro-ezami ghall-affidavit ta’ George Arrigo, li gie prezentat fil-24 ta’ Gunju 1994.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Ottubru 1994, fejn Dr. Mark Chetcuti nforma lil Qorti li s-seduti qed jinzammu regolarment.

Rat in-nota tal-attrici datata 1 ta’ Novembru 1994 a fol. 92 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha ulterjuri datat l-1 ta’ Novembru 1994.

Rat in-nota tal-konvenut datata 3 ta’ Novembru 1994 a fol. 102, li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu tal-istess data.

Rat in-nota tal-konvenut datata 14 ta’ Novembru 1994 a fol. 102, li permezz taghha rriserva d-dritt tal-kontro-ezami ghall-affidavit ipprezentat mill-attrici fl-1 ta’ Novembru 1994.

Rat il-verbal tas-seduta datat 24 ta’ Jannar 1995, fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex jiehu konjizzjoni tal-affidavits prezentati mill-ahhar udjenza wara li dawn jigu

debitament notifkati lill-kontroparti u b'hekk jinzammu s-seduti mehtiega.

Rat in-nota tal-konvenut datata 24 ta' Frar 1995 a fol.122 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu tal-istess data.

Rat in-nota tal-konvenut datata 27 ta' Frar 1995 a fol. 222.

Rat in-nota tal-attrici datata 8 ta' Marzu 1995 a fol. 224 li permezz taghha rriservat id-dritt ghall-kontro-ezami tal-affidavit li pprezenta l-konvenut fil-24 ta' Frar 1995.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' April 1995 fejn il-Perit Legali nforma lil Qorti li qed jirredigi r-rapport.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali minn fol. 227 sa fol. 268.

Rat ir-rapport ta' Dr. Mark Chetcuti datat 11 ta' April 1995 a fol. 271 sa fol. 286 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta datat 26 ta' April 1995 fejn Dr. Mark Chetcuti kkonferma r-rapport.

Rat in-nota tal-attrici datata 2 ta' Mejju 1995 a fol. 289, li permezz taghha, tablet in-nominazzjoni ta' periti addizzjonali.

Rat in-nota tal-konvenut datata 22 ta' Mejju 1995 a fol. 290 li permezz taghha nforma lil Qorti li huwa ma jaqbilx mal-konklussjonijiet tal-Perit Legali u li bi hsiebu jeskuti lil istess Perit Legali.

Rat ir-rikors tal-avukat Dr. E. Fenech Adami datat 24 ta' Ottubru 1995 a fol. 292, fejn talab lil Qorti biex il-kawza giet diferita ghal data ohra.

Rat il-verbal datat 25 ta' Ottubru 1995, fejn Dr. Stefan Meilaq li rtira t-talba li ghamel rigward in-nomina ta' Periti Perizjuri.  Dr. Meilaq talab li jeskuti l-Periti Legali u li

eventwalment jigi nominat Perit Espert biex jistma l-oggetti nvoluti.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 6 ta' Mejju 1995, a fol. 294 fejn tablet li d-dokument esebit mill-konvenut fis-27 ta' Frar 1995 jigi sflizat mill-atti.

Rat id-digriet datat 13 ta' Marzu 1995, fejn il-Qorti ordnat li jigi notifikat lill-kontro-parti, biz-zmien sitt (6) ijiem ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' George Arrigo datata 21 ta' Marzu 1995 a fol. 296

Rat il-verbal tal-24 ta' Jannar 1996.

Rat il-verbal tas-6 ta' Marzu 1996, fejn Dr. Stefan Meilaq informa lil Qorti li l-partijiet ma qablux dwar in-nomina ta' Perit Espert.

Rat il-verbal tat-2 ta' April 1996, fejn il-Qorti diversament presjeduta ordnat lill-Perit Legali jerga' jiehu konjizzjoni tal-process u nnominat lil John Mallia ta' Cachia and Borg (illum Mallia and Borg) biex jindika l-valur tal-oggetti tal-fidda in kwistjoni u jassisti lill-istess Perit Legali li ghandu jirrapporta flimkien mal-istess Perit Tekniku dwar id-divizjoni.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 15 ta' April 1996, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti biex tirrevoka d-digriet taghha moghti fit-2 ta' April 1996 *'contrario imperio'* biex tkompli bl-andament u trattazzjoni tal-kawza kif intavolata.

Rat id-digriet tas-17 ta' April 1996 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti, bis-sitt (6) ijiem ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici datata 4 ta' Gunju 1996 a fol. 304.

Rat id-digriet datat 25 ta' Settembru 1996, fejn il-Qorti rriservat li tipprovdi wara li jigi trattat il-kaz.

Rat il-verbal datat 4 ta' Gunju 1996, fejn Dr. Ethelbert Fenech Adami u l-Perit Legali spjegaw ic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-verbal datat 9 ta' Ottubru 1996 fejn peress li ma deher hadd il-Qorti asstjenti milli tiehu aktar konjizzjoni tar-rikorsi datati 6 ta' Marzu 1995 u 15 ta' April 1996.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 1997, fejn Dr. Stefan Meilaq ghall-attrici nforma lil Qorti li kienet inzammet seduta mal-espert tekniku u hemm ohra ffissata.

Rat il-verbal tat-23 ta' Mejju 1997, fejn Dr. E. Fenech Adami ghall-konvenut informa lil Qorti li kienu nzammu zewg seduti li fihom l-attrici spjegat l-oggetti in kwistjoni.

Rat il-verbal datat 11 ta' Novembru 1997.

Rat il-verbal tas-6 ta' Frar 1998, fejn Dr. Stefan Meilaq ghall-attrici kkonferma li l-provi kienu nghalqu fl-ahhar perizja. Il-Qorti ordnat lill-perti biex jestendu r-relazzjoni.

Rat il-verbali datati 29 ta' April 1998, 17 ta' Gunju 1998 u 7 ta' Ottubru 1998

Rat ir-rapport ulterjuri ta' Dr. Mark Chetcuti u Mr. John Mallia minn fol. 317 sa fol. 323.

Rat il-verbal tas-seduta datat 17 ta' Novembru 1998, fejn Dr. Mark Chetcuti u Mr. John Mallia kkonfermaw ir-rapport.

Rat il-verbal tas-27 ta' Jannar 1999.

Rat il-verbal tas-seduta datat 17 ta' Frar 1999, fejn l-attrici giet ordnata tipprezenta nota tal-osservazzjonijiet wara z-zewg rapporti peritali bil-vistro tal-kontro-parti.

Rat il-verbal tal-14 ta' April 1999, fejn Dr. Stefan Meilak ghall-attrici talab aktar zmien ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tas-16 ta' Gunju 1999, fejn Dr. Stefan Meilak ghall-attrici talab differiment ulterjuri ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tas-17 ta' Novembru 1999 fejn Dr. Stefan Meilak ghall-attrici talab differiment ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tat-2 ta' Frar 2000 fejn Dr. Stefan Meilak ghall-attrici talab differiment ulterjuri peress li n-nota kienet kwazi lesta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici datata 13 ta' Marzu 2000 a fol. 331.

Rat il-verbal tal-15 ta' Marzu 2000 fejn Dr. Stefan Meilak ghall-attrici ghamel referenza ghan-nota minnu prezentata fit-13 ta' Marzu 2000, bin-notifika tal-kontro-parti.

Rat il-verbal tal-24 ta' Mejju 2000 fejn Dr. Stefan Meilak ghall-attrici talab differmiment ghan-notifika tan-nota pprezentata minnu.

Rat il-verbal datat 5 ta' Lulju 2000 fejn Dr. Ethelbert Fenech Adami ghall-konvenut talab differiment biex jipprezenta nota responsiva.

Rat il-verbal datat 5 ta' Lulju 2000 fejn Dr. Ethelbert Fenech Adami ghall-konvenut talab differiment ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal datat 7 ta' Frar 2001 fejn Dr. Stefan Meilak ghall-attrici rrileva li n-nota ghadha mhiex ipprezentata.

Rat il-verbal tal-4 ta' Mejju 2001, fejn Dr. Ethelbert Fenech Adami ghall-konvenut talab differiment ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tas-17 ta' Ottubru 2001, fejn Dr. Ethelbert Fenech Adami ghall-konvenut talab differiment ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal datat 23 ta' Jannar 2002, fejn Dr. George Abela talab differiment ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal datat 17 ta' April 2002, fejn Dr. Ethelbert Fenech Adami ghall-konvenut talab differiment ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tas-26 ta' Gunju 2002 fejn Dr. Ethelbert Fenech Adami ghall-konvenutipprezenta n-nota msemmija seduta *stante.*

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut datata 26 ta' Gunju 2002 minn fol. 346 sa fol 349.

Rat il-verbali datati 25 ta' Ottubru 2002, 29 ta' Ottubru 2002, tat-23 ta' Jannar 2003 u tal-24 ta' April 2003.

Rat il-verbal datat 27 ta' Mejju 2003 quddiem din il-Qorti kif attwalment presejduta fejn l-istess Qorti ivverbalizzat illi *"din il-kawza ilha pendenti minn 1992 u llum hija l-ewwel darba li dehret quddiem din il-Qorti kif presjeduta";* id-difensuri trattaw il-kaz u assiguraw lill-Qorti li fil-process, matur kif inhu, hemm id-dettalji kollha biex wiehed jasal ghad-decizjoni finali. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difett 'ostacolo* ghas-26 ta' Frar 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fic-citazzjoni attrici hemm premess li kien gie ffirmat kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, datat 14 ta' Novembru 1991 fejn l-attrici qed tghid li skond klawsola (4) tal-istess *'kontendenti llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom",* izda x'uhud mill-oggetti appartenenti lill-kontendenti baqaw mhux divizi u ohrajn li gew assenjati lilha baqaw ghand il-konvenut u ma gewx konsenjati lilha u ghalhekk talbet d-divizjoni tal-oggetti li baqaw in komun,

u tordna lil-konvenut li jikkonsenjalha l-oggetti li skond il-kuntratt gew ikkkonsenjati lilha.

Illi huwa ovvju li t-talbiet attrici jinsorgu b'effett ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 14 ta' Novembru 1991 fl-Atti tan-Nutar Pierre Falzon iffirmat bejn il-partijiet.

Illi fil-fatt l-artikolu 4 tal-istess kuntratt jghid li:-

*"Il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Arrigo qeghda tigi diviza bil-mod u bl-kondizzjonijiet segwenti:-*

*a. Id-dar konjugali ghandha tibqa' proprjeta' esklussiva tal-mara billi hija proprejta' parafernali taghha. Min-naha l-ohra il-mara qeghda thallas is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) lill-komparenti George Arrigo u dan a saldo ghal sehmu f'miljoramenti maghmulha fl-istess dar proprjeta' taghha fuq imsemmija, liema somma qed tithallas presenzjalment u l-komparenti George Arrigo presentement jikkonsenja cwievet tal-istess proprjeta'.*

*b. Ghar-rigward ta' l-effetti mobili kull parti jiehu dawk l-effetti li gab qabel iz-zwieg jew gew donati lilu matul iz-zwieg u ghal kull buon fini kull parti qeghda tassenja fejn applikabbli lil parti l-ohra is-sehem taghha mill-istess oggetti, liema affarijiet huma "silverware u jewellery".*

Illi fil-klawsola tmienja (8) tal-istess ftehim jinghad li:-

*"Salv dak fuq miftiehem il-partijiet jiddikjaraw illi huma m'ghandhom l-ebda pretensjoni kontra xulxin".*

Illi fin-nota tal-eccezzjoni tieghu l-istess konvenut jghid li ma hemm xejn x'jigi diviz mill-oggetti parafernali u li l-attrici hadhet l-oggetti kollha li effettivament gew kkonsenjati lilha.

Illi huwa ovvju li qabel ma wiehed pero' jidhol fil-mertu tal-kwistjoni, irid bilfors jara u jevalwa l-effetti tal-kuntratt ta' separazzjoni u kif dan il-kuntratt jista' jeffettwa *o meno* t-talbiet attrici.

Illi kif gja gie kkwotat Il-paragrafu 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni jghid illi l-komunjoni tal-akkwisti qed tigi terminate b'effett mid-data tal-istess kuntratt.

Illi l-paragrafu 4 jghid illi l-komunjoni tal-akkwisti qed tigi diviza bil-mod u bil-kondizzjonijiet segwenti:-

1. Id-dar konjugali ghandha tibqa' proprejta' esklusiva tal-mara billi din hi proprjeta' parafernali taghha. Minn naha 'l ohra l-mara qieghda thallas is-somma ta' Lm4000 lill-komparenti George Arrigo u dan a saldu ta' sehmu fil-miljoramenti maghmula fl-istess dar proprjeta' taghha fuq imsemmija, liema somma qed tithallas prezenzjalment u l-komparenti George Arrigo prezentement jikkonsenja c-cwievet tal-istess proprjeta'.

*2.* A rigward tal-effetti mobbli kull parti jiehu dawk l-effetti li gab qabel iz-zwieg jew gew donati lilu matul iz-zwieg u ghal kull *buon fini* kull parti qed tassenja fejn applikabbli lill-parti 'l ohra s-sehem taghha mill-istess oggetti, liema affarijiet huma *silverware* u *jewellery.*

Illi l-partijiet fi klawsola 5 ghaddew biex qasmu l-ishma li l-konjugi kellhom f'socjetajiet kummercjali.

Illi mbaghad il-partijiet fi klawsola 8 ftehmu illi salv dak fuq miftiehem il-partijiet jiddikjaraw illi huma ma ghandhom ebda pretensjoni kontra xulxin.

Illi pero' klawsola tmienja tghid kategorikament illi salv dak miftiehem il-partijiet ma ghandhom ebda pretensjoni kontra xulxin. Din il-klawsola generika trid tinghata interpretazzjoni, u l-interpretazzjoni li tista' tinghata mhix hlief li salv dak li hemm inciz car fil-paragrafu erbgha tal-iskrittura l-kontendenti ma ghandhomx pretensjonijiet ohra naxxenti miz-zwieg taghhom.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-kliem tal-istess kuntratt huwa car u ma jhalli l-ebda dubju dwar is-sinifikat tieghu, tant li gew maqbula bejn l-istess partijiet kontrajenti u dan wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti,

minghajr liema awtorizzazzjoni l-istess kuntratt ta' separazzjoni ma setghax issir.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000) *"ghalhekk hawn japplika l-principju stabilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke' supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha"* **("Carmela Borg vs Bartolomeo Xeureb" -** A. C. 30 ta' Marzu 1997).

Illi dawn il-principji gew konsistentament ribaditi mill-Qrati taghna, inkluza minn din il-Qorti kif presjeduta tant li fis-sentenzi **"Emmanuel Schembri et vs Leonard Ellul et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2000) u **"Suzanne Xeureb vs Gilbert Terreni"** (P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001) gie ri-affermat li *"huwa principju generali fl-interpretazzjoni tal-kuntratti dak stabilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 16** u cioe' li meta "il-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu taz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni".* Tal-istess portata hija s-sentenza **"Alfrida Borg vs Carmen Camilleri *et*"** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001).

Illi bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "*l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi l-istess s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tkompli tghid "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu*" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Illi intqal *inoltre* anke' fis-sentenza **"General Cleaners Company Limited vs Attorney General et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 li *"Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; "**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; "**Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; "**Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001).

Illi minn dan kollu jirrizulta li fl-opinjoni ta' din il-Qorti s-sinifikat tal-istess klawsola tmienja huwa effettivament dak li l-istess klawsola qed tipprovdi b'lingwagg car li wkoll sar bid-debita' awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, u l-unika sinfikat li jista' jinghata lill-istess hija li l-partijiet kontraenti qabblu dwar il-pendenzi kollha ta' bejniethom, liema pendenzi hemm ftehim dwar fl-istess kuntratt minnhom ffirmat u accettat, u hlief ghall-istess ma' kien hemm l-ebda pendenzi ohra, u ghalhekk certament li l-ewwel talba attrici ma tistax tigi milqugha, *stante* li kienet hija stess li accettat li ma kellhiex ebda pendenzi ohra kontra l-konvenut. Fl-istess klawsola numru tmienja (8) fuq riferita fil-fatt ma hemm ebda riserva ta xejn u ghalhekk certament l-unika konkluzzjoni li tista' tittiehed hija proprju dik raggunta mill-istess perit legali, u cjoe' li l-ewwel talba attrici hija insostenibbli.

Illi fil-fatt il-bravu perit legali kkonkluda hekk fuq l-ewwel talba attrici:-

*"Il-klawsola tmienja tal-istess kuntratt teskludi xi pretensjoni ohra relatata mal-komunjoni. Jekk xi parti qed tivvanta tali pretensjoni allura l-kawza ma tistax tkun ghall-qsim izda jrid jigi attakkat (jekk hu l-kaz) il-kuntratt bhala inkonkludenti ghal dik li hi komunjoni u tintalab*

*dikjarazzjoni f'dan is-sens qabel tigi valutata fil-mertu tal-pretensjoni".*

Illi ovvjament f'dan il-kuntest wiehed irid jiehu l-konsiderazzjoni dak stipulat fl-**artikolu 488 tal-Kap 12** ghalkemm dan strettament ma huwiex il-mertu ta' din il-kawza. (*vide* **"Carmel Farrugia vs Alexandra Farrugia"** P.A. (RCP) 6 ta' Marzu 2003).

Illi kif inghad fit-tieni talba l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat sabiex jirritorna lilha l-oggetti li skond il-kuntratt ta' separazzjoni gew assenjati lilha u li l-konvenut naqas li jikkonsenja. L-ewwel problema li rrizultat mill-atti processwali hija jekk din it-talba tirreferhix ghall-mobbli kollha elenkati mill-attrici fid-diversi affidavits taghha jew inkella biss ghas-*"silverware u jewellery'* imsemmija fi klawsola 4 (b) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni.

Illi minn qari tal-istess artikolu jidher car li l-ftehim li sar bejn il-partijiet kien jirreferi ghall-oggetti parafernali jew donati matul iz-zwieg konsistenti biss *"silverware u jewellery"* u dan peress li dwar kull oggett iehor tapplika l-klawsola numru tmienja (8) precitata fl-istess ftehim u fejn il-partijiet qabblu li *"salv dak miftiehem il-partijiet jiddikjaraw illi huma m'ghandhom l-ebda ftehim kontra xulxin".*
Illi jidher car li kull interpretazzjoni ohra tmur kontra dak li l-partijiet ftehmu dwaru skond l-istess imsemmija klawsola, u tenut kont tal-fatt li tali ftehim sar bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-partijiet kienu qed jifhmu s-sinifikat tal-istess, u allura dak kontenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici dwar l-estensjoni tal-istess klawsola ma jistax jigi accetat, ghaliex immur kontra dak li l-istess attrici innfisha ddikjarat fl-istess kuntratt; l-allegazzjoni li l-kliem *silverware u jewellery* gew mizjuda proprju quddiem il-Qorti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ma jbiddel xejn minn din il-konkluzzjoni u dan peress li suggeriti meta suggeriti, mizjuda meta mizjuda, dawn dejjem saru bl-accettazzjoni tal-attrici, u bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, u l-istess attrici, anke' wara tali awtorizzazzjoni mill-Qorti, iffirmat volontarjament l-istess kuntratt, b'dan

ghalhekk li l-istess kliem jifformaw parti mill-kondizzjonijiet u pattijiet li hija min-naha u l-konvenut min-naha l-ohra accettaw.

Illi ghalhekk l-istess talba attrici abbazi tal-premess tista' treggi biss in kwantu riferibbli ghall-istess oggetti ta' fidda u *jewellery* u xejn izjed.

Illi dwar dan din il-Qorti tirreferi ghal dak li sostna l-istess perit legali f'dan ir-rigward u taddotah in kwantu biss huwa konsistenti ma' dak hawn deciz; fil-fatt l-istess perit legali sostna li:-

*"jigi osservat illi meta gie redatt il-paragrafu erbgha (4) tal-kuntratt, il-kliem "liema affarijiet jikkonsistu f' silverware u jewellery" zdiedu mill-konvenut waqt il-qari tal-kuntratt fis-Sekond' Awla, ghall-liema kliem, l-attrici tghid li ghall-ewwel ma riditx tiffirma minghajr il-prezenza tal-avukat taghha pero' mbaghad iffirmat. Mhux qed jinghad li ghamlet sew li hi ghamlet zball pero' jibqa l-fatt li hi ffirmat il-kuntratt kollu kif maghmul u jekk sar zball u xi hadd mill-partijiet ried li jigi korrett, allura dan ghandu jsir f'kawza ad hoc; ghaliex il-kuntratt hu l-ftehim raggunt bejn il-partijiet u klawsola tmienja (8) ma thallix pendenzi ohra bejn il-kontendenti hlief dawk li jirrizultaw mill-istess kuntratt".*

Illi fid-dawl tal-premess irid issa jigi stabbilit x'kienu l-oggetti ta' fidda appartenenti lill-attrici skond il-klawsola 4 tal-ftehim ta' separazzjoni u cioe' l-affarijiet li kienu taghha qabel iz-zwieg jew gew donati lilha matul iz-zwieg. Affarijiet li kienu taghha qabel iz-zwieg ghandhom jinkludu wkoll rigali tat-tieg li nghataw lilha minn niesha jew mistednin taghha, u dan biex l-interpretazzjoni li ghandha tinghata tal-klawsola tal-kuntratt.

Illi l-Qorti ser tirreferi ghall-affidavit tal-attrici tat-8 ta' Frar 1994 li fih tirreferi b'aktar dettalji ghall-ewwel affidavit taghha tal-24 ta' Marzu 1993; u jinnota s-segwenti bhala li jaqghu fil-klawsola 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni:

1. Kandelabrum tal-fidda antik bit-tlett ferghat li wirtitu omm l-attrici minghand ommha w inghata lill-attrici;

2. Zewg *trays* antiki tal-fidda ta’ Malta, rigal ta’ *engagement* u tieg minghand Mr u Mrs. C. Vella. Is-Sur Vella kien habib intimu ta’ missierha u kienu jahdmu fl-istess bank;

3. Kaxxa tas-sigaretti li tatha ohtha fit-tieg u kienet inxtrat Lm120;

4. Zewg *frames* kbar li kienu jiswew Lm 100 u tahomla huha;

5. *Cruet* set antik tal-fidda ta’ Malta, rigal ta’ oht missierha;

6. Mera kbira tal-fidda minghand oht missierha u li kienet tiswa Lm 80;

7. Kuccarun tal-fidda li kien rigal tal-kugin taghha.

Illi l-konvenut fl-affidavit tieghu jixhed is-segwenti fuq dawn l-affarijiet:

1. Rigward il-kandelabrum il-konvenut jghid li dan kien *for safe keeping* fil-bagoll fil-*cupboard* u thalla hemm. Kien inghata waqt iz-zwieg. Peress illi kif gia inghad il-konvenut kien reponsabbli ghall-oggetti fil-pussess tieghu w inghataw lill-attrici b’mod illi jinkwadraw f’paragrafu 4 tal-kuntratt ta’ separazzjoni, il-konvenut hu obbligat jirritorna l-valur attwali tieghu. Fis-seduta tat-13 ta’ Marzu 1997 Henry Micallef missier l-attrici, esebixxa wiehed mill-par candelebri li jinsab f’idejn Colin Tabone, iz-ziju tal-attrici. Hu jixhed li dak li nghatat bintu kien identiku. Il-konvenut jixhed illi l-kandelabru ‘l iehor kien fi stat aghar minn dak esebit. Ghalkemm regghet saret allegazzjoni mill-konvenut li dan kien rigal maghmul lill-kontendenti jirrizulta mix-xhieda tieghu stess illi fil-fatt inghata minn nanna tal-attrici u gie fil-pussess taghhom wara l-mewt taghha. Dan juri li fil-fatt kien rigal pero’ wirt tal-familja tal-attrici biss. Il-perit tekniku wara li ezamina l-kandelabru, kkonluda illi dan kien tal-fidda 925 ta’ provinjenza Germaniza u li mhux aktar qadim minn 60 sena. Hu

kandelabru bi tlett frieghi u gholi circa 10 pulzieri. Tenut kont ta' dawn il-fatturi u l-fatt illi hawn *si tratta* ta' valutazzjoni ta' kandelabru wiehed biss il-valur tal-kandelabru nieqes hu ta' Lm 120.

2. Rigward iz-zewg *trays* antiki jghid illi dawn ukoll kienu fil-bagoll u thallew hemm. Jghid ukoll illi dawn kienu rigal minghand il-habib tal-familja tieghu peress illi kienu flimkien fil-kamra tal-kummerc. Missier l-attrici jixhed illi s-Sur Vella kien habib intimu tieghu apparti li kienu jahdmu fl-istess Bank. Mill-banda 'l ohra l-konvenut jesibixxi dokument li juri li missieru u s-Sur Vella kienu t-tnejn fil-kumitat tal-kamra tal-kummerc. Jigi nnotat illi l-fatt illi membru tal-familja tal-konvenut u s-Sur Vella kienu f'kumitat flimkien ma jiggustifikax hbiberija u x-xhieda ta' missier l-attrici f'dan l-aspett hi aktar konvincenti u ghandha tinghata valur. Sfortunatament is-Sur Vella llum mejjet u l-kelma tieghu ma tistax tittiehed. Pero' l-Qorti hija konvinta illi fuq bazi ta' probabilita' l-attrici pruvat illi t-tnejn inghataw lilha bhala rigali ta' *engagement* u tieg. Peress illi dawn kienu jinsabu fil-bagoll skond ma jghid l-istess konvenut, ir-responsabbilita ghalihom taqa' fuqu u ghandu jirrifondi l-istess trays jew il-valur taghhom. Henry Micallef missier l-attrici esebixxa zewg ritratti fejn jidhru dawn iz-zewg *trays* Dok. "A1" u Dok. "A2". Jirrizulta illi dawn huma *trays,* mhux precizament tondi izda pjuttost fl-ovali u mir-ritratti jidhru li mhux akbar minn 8 pulzieri djametri. Ghalkemm jidhru li huma Maltin ma jirrizultax mill-provi jekk fil-fatt humiex antiki jew riproduzzjoni mill-antik. Id-differenza fil-valur hi kbira. Rigward il-valur taghhom peress li ma giex pruvat mill-attrici jekk fil-fatt dawn it-*trays* kinux antiki, l-periti gudizzjarji hassew li l-valur taghhom ghandu jittiehed bhala riproduzzjonijiet u qed jigu valutati fis-somma ta' Lm 45 kull wiehed, cioe' Lm 90 il-par.

3. Rigward il-kaxxa tas-sigaretti, il-konvenut jaghti l-istess spjegazzjoni dwar il-bagoll. Peress li mhux kontestat li dan kien rigal lill-attrici l-konvenut hu obbligat jirrifondi l-istess jew il-valur taghha, cioe' Lm 120 kif tghid l-istess attrici.

4. Rigward il-*frames* li jiswew Lm 100, il-konvenut jghid li l-attrici hadet diversi *frames* maghha meta telqet mid-dar u hu ma ha ebda *frame.* L-attrici ma tinnegax din l-allegazzjoni u minhabba konflitt fi provi l-Qorti tissottometti illi l-attrici ma ppruvatx it-talba taghha sodifacentement.

5. Rigward il-*cruet set* tal-fidda ta' Malta, il-konvenut jghid li kien fil-bagoll u ghalhekk japplika dak li ntqal qabel. Dwar dan il-*cruet* se*t* xehdet Rose Calcaterra, z-zija tal-attrici li qalet li dan kienet wirtitu ommha u tiftakru zghira. Hi tatu bhala rigal tat-tieg lill-attrici. Qalet li kien fih tlett bicciet, cioe' tal-bzar u l-melh li huma recipjenti gholjin xi tlett pulzieri fuq tlett saqajn u tal-mustarda fuq erba saqajn. Fil-qiegh kellu marka tal-ljun u tas-salib ta' Malta. L-Espert Tekniku kkonkluda li dan il- *cruet set* x'aktarx mhux Malti izda fidda Ingliza tas-seklu dsatax u l-valur tieghu hu ta' Lm 80.

6. Rigward il-kuccarun tal-fidda l-konvenut jghid li kien fil-bagoll. Illi, gie pprecizat fix-xhieda ta' Henry Micallef illi l-kuccarun tal-fidda ta' Malta ma kienx antik, ghal din ir-raguni, l-Espert Tekniku vvalutah Lm60.

7. Rigward il-mera kbira li l-attrici tghid li nghatat minn hbieb ta' ommha, il-konvenut jirrileva li din kienet fil-bagoll u harget ukoll sehem omm il-mara ta' huh. Peress li jidher li dan l-oggett inghata liz-zewg kontestanti flimkien, il-Qorti ma jistax jiehu konjizzjoni tat-talba f'dan l-istadju.

Illi b'hekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut hu obbligat jirrittorna lill-attrici l-oggetti fuq elenkati konsistenti f'kandelabrum tal-valur ta' Lm120; zewgt trays fuq deskritti tal-valur kull wiehed ta' Lm45; kaxxa tas-sigaretti fuq deskritta tal-valur ta' Lm120; *cruet set tal-fidda ingliza* tal-valur ta' Lm80; u kuccarun tal-fodda tal-valur ta' Lm60; ifondi lill-attrici s-somma ta' Lm 470. Dan kollu ghar-rigward ta' *silverware* li kien tal-attrici qabel iz-zwieg jew li nghata lilha tul iz-zwieg b'dan li ghalhekk din il-Qorti qed taddota l-istess konkuzzjonijiet tal-perit legali f'dan ir-rigward u dan limitament ghal dak li huwa konsistenti mal-premess. In partikolari din il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta li l-istess oggetti kienu fil-

pussess tal-konvenut, li kien obbligat li jirritornahom lill-attrici, kif indikat fl-istess kuntratt ta' separazzjoni, u li huwa naqas li jaghmel dan; f'dan ir-rigward jinghad li fuq dan il-punt l-konvenut naqas li jipprova fil-grad rikjest mill-ligi li huwa effettivament kkonsenja l-istess oggetti hawn elenkati lill-attrici, u ghalhekk it-tieni taba attrici qed tigi hekk limitatament milqugha.

Illi dwar id-deheb jew ahjar *jewellery* imsemmija fl-istess kuntratt u citata mill-attrici anke' fl-affidavits taghha din il-Qorti taqbel mal-perit legali li l-attrici naqset li tipprova li l-istess deheb kien fil-pussess tal-konvenut u ghalhekk in kwantu l-istess tieni talba attrici tirreferi ghal-istess deheb u *jewellery* din qed tigi michuda.

Illi dwar l-oggetti indikati f'Dok. "HA2" din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzzjonjiet tal-perit legali *stante* li fl-ewwel lok tali skrittura ma kinitx tifforma parti mil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet u in effetti ma kinitx parti mill-ftehim awtorizzat mill-Qorti kompetenti, u ghalhekk l-istess skrittura hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Apparti dan l-klawsola 8 fuq imsemmija ma ghamlet l-ebda riserva kwalunkwe ghall-ebda lista jew oggett indikat fl-istess skrittura u ghalhekk anke' dwar l-istess l-attrici llum ma tista' tvanta l-ebda pretensjoni, *stante* li s-sinfikat car tal-istess klawsola huwa kategoriku u dan gie accettat mill-attrici bla ebda riservi.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu tirreferi ghall-ewwel talba attrici, u ghalhekk **tichad l-ewwel talba attrici** *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-tieni talba attrici** limitatament u biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jikkonsenja lill-attrici l-oggetti kollha hawn indikati kif deskritti mill-espert tekniku fir-relazzjoni tieghu konsistenti f'kandelabrum tal-valur ta' mija u ghoxrin lira

Maltija (Lm120); zewgt *trays* fuq deskritti tal-valur kull wiehed ta’ erbgha u hamsin lira Maltija (Lm45); kaxxa tas-sigaretti fuq deskritta tal-valur ta’ mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120); *cruet set tal-fidda ingliza* tal-valur ta’ tmenin lira Maltija (Lm80); u kuccarun tal-fidda tal-valur ta’ sittin lira Maltija (Lm60), b’dan li l-oggetti kollha ghandhom valur komplessiv ta’ erba’ mija u sebghin lira Maltija (Lm470), u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan fit-terminu lilu moghti, tikkundannah ihallas il-valur fuq indikat ta’ kull oggett li huwa jonqos li jikkonsenja lill-attrici fit-terminu hawn lilu perentorjament moghti, u fil-kaz li l-ebda oggett ma jigi hekk ritornat lill-attrici jhallas lill-attrici l-valur komplessiv tal-istess oggetti fis-somma ta’ erba’ mija u sebghin lira Maltija (Lm470).

Bl-ispejjez jimqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------